

Dan id-dokument għe magħmul bil-ħsieb li jintuża bħala għodda ta' dokumentazzjoni u l-istituzzjonijiet ma jassumu l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu

► **B****REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1251/2005**

tat-12 ta' Diċembru 2008

li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-
 ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u
 prodotti tagħhom u li jstabbilixxi lista ta' speċi li jgħaddu l-mard

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 337, 16.12.2008, p. 41)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 719/2009 tas-6 ta' Awwissu 2009	L 205	10	7.8.2009
► <u>M2</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 346/2010 tal-15 ta' April 2010	L 104	1	24.4.2010
► <u>M3</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1143/2010 tas-7 ta' Diċembru 2010	L 322	22	8.12.2010
► <u>M4</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 350/2011 tal-11 ta' April 2011	L 97	9	12.4.2011
► <u>M5</u>	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1012/2012 tal-5 ta' Novembru 2012	L 306	1	6.11.2012
► <u>M6</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 519/2013 tal-21 ta' Frar 2013	L 158	74	10.6.2013



REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1251/2005

tat-12 ta' Diċembru 2008

li jimplimenta d-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE fir-rigward tal-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u li jistabbilixxi lista ta' speċi li jgħaddu l-mard

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2006/88/KE tal-24 ta' Ottubru 2006 dwar il-ħtiġiet tas-saħħa tal-annimali għall-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom, u dwar il-prevenzjoni u l-kontroll ta' ċertu mard f'annimali akkwatiċi⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(2), l-Artikoli 22 u 25 u l-Artikolu 61(3) tagħha,

Billi:

- (1) Id-Direttiva 2006/88/KE tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' saħħet l-annimali li għandhom jiġu applikati għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni u t-tranżitu mill-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom. Id-Direttiva 2006/88/KE tirrevoka u tissostitwixxi d-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE li tikkonċerna l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali li jirregolaw it-tqegħid fuq is-suq tal-annimali u prodotti tal-akkwakultura⁽²⁾ mill-1 ta' Awwissu 2008.
- (2) Skont id-Direttiva 2006/88/KE, annimal tal-akkwakultura tfisser kwalunkwe annimal akkwatiku, inklużi annimali akkwatiċi ornamentali, fl-istadji kollha ta' ħajtu, inklużi l-bajd u l-isperma/il-gameti, imrobbi f'farm jew f'żona tat-trobbija tal-molluski, inkluż kwalunkwe annimal akkwatiku mill-ambjent naturali intenzjonat għal farm jew għal żona tat-trobbija tal-molluski. Annimali akkwatiċi tfisser ħut, molluski u krustaċji.
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/567/KE tas-27 ta' Lulju 1999 li tistabbilixxi l-mudell taċ-ċertifikat imsemmi fl-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/67/KEE⁽³⁾ u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/390/KE tat-23 ta' Mejju 2003 li tistabbilixxi kundizzjonijiet speċjali għall-ħruġ fis-suq ta' speċi ta' annimali tal-akkwakultura li huma kkunsidrati li mhumieq suxxettibbli għal ċertu mard u l-prodotti tagħhom⁽⁴⁾ jistabbilixxu ċerti regoli għat-tqegħid fis-suq ta' annimali tal-akkwakultura, inklużi r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni. Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/804/KE tal-14 ta' Novembru 2003 li tistabbilixxi

⁽¹⁾ ĠU L 328, 24.11.2006, p. 14.

⁽²⁾ ĠU L 46, 19.2.1991, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 216, 14.8.1999, p. 13.

⁽⁴⁾ ĠU L 135, 3.6.2003, p. 19.

▼B

l-kundizzjonijiet ta' saħħet l-annimali u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjonijiet ta' molluski, il-bajd u l-gameti tagħhom għal aktar tkabbir, tismin, għal żoni ta' żamma jew konsum mill-bniedem ⁽¹⁾, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2003/858/KE tal-21 ta' Novembru 2003 li tippreskrivi l-kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u l-ħtiġijiet ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjoni ta' ħut ħaj, il-bajd u gameti tagħhom maħsuba għall-biedja, u ħut ħaj li joriġina mill-akkwakultura u prodotti tagħhom maħsuba għall-konsum uman ⁽²⁾ u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/656/KE tal-20 ta' Settembru 2006 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet sanitarji tal-annimali u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni għall-importazzjonijiet ta' ħut għal finijiet ornamentali ⁽³⁾ jistabbilixxu l-kundizzjonijiet għall-importazzjoni ta' annimali tal-akkwakultura fil-Komunità. Dawk id-Deċiżjonijiet jimplimentaw id-Direttiva 91/67/KEE.

- (4) Id-Direttiva 2006/88/KE ttipprovdi li t-tqegħid fis-suq ta' annimali tal-akkwakultura għandu jkun soġġett għaċ-ċertifikazzjoni ta' saħħet l-annimali meta l-annimali jiddaħħlu fi Stat Membru, żona jew kompartiment iddikjarat ħieles mill-mard skont dik id-Direttiva jew soġġett għal programm ta' sorveljanza jew ta' qerda. Għalhekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni u mudelli armonizzati ta' ċertifikati tas-saħħa tal-annimali f'dan ir-Regolament biex jiġu sostitwiti r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni stabbiliti bid-Direttiva 91/67/KEE u d-Deċiżjonijiet li jimplimentaw dik id-Direttiva.
- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali ⁽⁴⁾ jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar l-iġjene ta' ikel li joriġina mill-annimali għall-operaturi fin-negozju tal-ikel, inklużi r-rekwiżiti tal-ippakkjar u l-ittikkettar. Ir-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni ta' saħħet l-annimali msemmija fir-Regolament preżenti għat-tqegħid fis-suq u l-importazzjoni ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom maħsuba għal aktar ipproċessar qabel il-konsum mill-bniedem m'għandhomx japplikaw għal dawk l-annimali u prodotti ppakkjati u ttikkettati skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet.
- (6) Id-Direttiva 2006/88/KE ttipprovdi li l-Stati Membri għandhom jiżguraw li t-tqegħid fis-suq ta' annimali akkwatiċi ornamentali ma jipperikolax l-istatus tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi fir-rigward ta' mard mhux eżotiku elenkat fil-Parti II tal-Anness IV tagħha.
- (7) Annimali akkwatiċi ornamentali mqiegħda fis-suq fil-Komunità u maħsuba għal faċilitajiet mingħajr l-ebda kuntatt dirett ma' ilmi-jiet naturali, jiġifieri faċilitajiet ornamentali magħluqa, ma jgħolqux l-istess riskji għal oqsma oħra tal-akkwakultura tal-Komunità jew għal annimali selvaġġi. Għalhekk, m'għandhiex tkun meħtieġa ċertifikazzjoni ta' saħħet l-annimali taħt dan ir-Regolament għal tali annimali.

⁽¹⁾ ĠU L 302, 20.11.2003, p. 22.

⁽²⁾ ĠU L 324, 11.12.2003, p. 37.

⁽³⁾ ĠU L 271, 30.9.2006, p. 71.

⁽⁴⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

▼B

- (8) Sabiex l-Istati Membri, fejn it-territorju kollu, jew ċerti żoni jew kompartimenti tagħhom, ikunu ddikjarati ħielsa minn waħda jew aktar mill-mard mhux eżotiku li għalihom huma suxxettibbli l-annimali akkwatiċi ornamental, jiġu pprovduti bl-informazzjoni dwar iċ-ċaqliq fit-territorju tagħhom ta' annimali akkwatiċi ornamental maħsuba għal faċilitajiet ornamental magħluqa, huwa xieraq li dan iċ-ċaqliq jiġi nnotifikat permezz tas-sistema Traces kif previst fid-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-iċċekkjar veterinarju u żootekniku applikabbli għall-kummerċ intra-Komunitarju ta' ċertu annimali haġjin u prodotti bil-ħsieb tat-tlestija tas-suq intern ⁽¹⁾ u mdaħħla bid-Deċizzjoni tal-Kummissjoni 2004/292/KE tat-30 ta' Marzu 2004 dwar l-introduzzjoni tas-sistema Traces ⁽²⁾.
- (9) Ċaqliq fi ħdan il-Komunità minn faċilitajiet ornamental magħluqa lejn faċilitajiet ornamental miftuħa jew l-ambjent naturali, jista' jirrappreżenta riskju għoli għal oqsma oħra tal-akkwakultura Komunitarja, u m'għandux jitħalla jsir mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri.
- (10) Id-Direttiva 2006/88/KE tipprovdi li Stati Membri għandhom jieħdu ċerti miżuri minimi ta' kontroll fil-każ li tiġi kkonfermata marda eżotika jew mhux eżotika elenkata fil-Parti II tal-Anness IV tagħha f'annimali tal-akkwakultura jew f'annimali akkwatiċi selvaġġi jew fil-każ ta' mard emerġenti. Barra minn dan, id-Direttiva tipprovdi li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tqegħid fis-suq ta' annimali tal-akkwakultura jkun soġġett għaċ-ċertifikazzjoni ta' saħħet l-annimali meta l-annimali jitħallew joħorġu minn żona soġġetta għal dawk il-miżuri ta' kontroll.
- (11) Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u r-rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni għal kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom li joħorġu minn Stati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal miżuri ta' kontroll tal-mard.
- (12) Id-Direttiva 2006/88/KE tistipula li l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-annimali tal-akkwakultura u l-prodotti tagħhom jiddaħħlu fil-Komunità biss jekk ġejjin minn pajjiżi terzi jew partijiet minnhom li jkunu fil-lista mħejjija skont dik id-Direttiva.
- (13) L-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali tal-akkwakultura għandha titħalla biss minn pajjiżi terzi li għandhom leġislazzjoni dwar saħħet l-annimali u sistema ta' kontroll ekwivalenti għal dawk fil-Komunità. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti, li minnhom l-Istati Membri huma permessi li jdaħħlu fil-Komunità annimali tal-akkwakultura għall-farms, għal żoni ta' trobbija, għal meded tal-ilma ripopolati artifiċjalment u faċilitajiet ornamental miftuħa. Madankollu, l-importazzjoni fil-Komunità ta' ċertu ħut ornamental, molluski u krustaċji maħsub għal faċilitajiet ornamental magħluqa għandha tkun permessa minn pajjiżi terzi li huma membri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE –Organisation for Animal Health).

⁽¹⁾ ĠU L 224, 18.8.1990, p. 29.

⁽²⁾ ĠU L 94, 31.3.2004, p. 63.

▼B

- (14) Pajjiżi terzi u territorji li jitħallew jesportaw lejn il-Komunità annimali tal-akkwakultura għall-konsum mill-bniedem fuq konsiderazzjonijiet ta' saħħa pubblika għandhom ukoll jitħallew jesportaw lejn il-Komunità taħt id-dispożizzjonijiet dwar saħħet l-annimali ta' dan ir-Regolament. Annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom għalhekk jiġu impurtati biss fil-Komunità jekk ġejjin minn pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti li huma inklużi f'lista magħmula skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jippreskrivi regoli speċifiċi għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsuba għall-konsum uman ⁽¹⁾.
- (15) Tali listi huma mniżżla fl-Annessi I u II tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/766/KE tas-6 ta' Novembru 2006 li tistabbilixxi l-listi ta' pajjiżi terzi u territorji li minnhom l-importazzjonijiet ta' molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati, gastropodi tal-ibħra u prodotti tas-sajd huma permessi ⁽²⁾ u, għal perjodu tranżizzjonali sal-31 ta' Diċembru 2009, bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2076/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi arranġamenti tranżizzjonali għall-implimentazzjoni tar-Regolamenti (KE) Nru 853/2004, (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 ⁽³⁾. Fl-interess tal-konsistenza tal-leġislazzjoni Komunitarja, daww il-listi għandhom jitqiesu f'dan ir-Regolament.
- (16) Id-Direttiva 2006/88/KE tistipula li l-importazzjoni ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom għandhom ikunu akkumpanjati b'dokument li jinkludi ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mad-dħul tagħhom fil-Komunità. Huwa meħtieġ li f'dan ir-Regolament jiġu stabbiliti fid-dettall il-kundizzjonijiet ta' saħħet l-annimali għall-importazzjoni ta' annimali tal-akkwakultura fil-Komunità, inklużi mudelli ta' ċertifikat tas-saħħa tal-annimali, li għandhom jissostitwixxu l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni stabbiliti bid-Direttiva 91/67/KEE.
- (17) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 tal-5 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi miżuri ta' implimentazzjoni għal ċerti prodotti taħt ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u għall-organizzazzjoni ta' kontrolli uffiċjali taħt ir-Regolament (KE) Nru 854/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jidderoga mir-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 853/2004 u (KE) Nru 854/2004 ⁽⁴⁾ jistabbilixxi mudelli ta' ċertifikati tas-saħħa għal importazzjoni ta' prodotti tas-sajd u ta' molluski bivalvi haġjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem. Fl-interess tal-konsistenza tal-leġislazzjoni Komunitarja, ir-Regolament għandu jistipula li daww il-mudelli ta' ċertifikati tas-saħħa għandhom jakkumpanjaw l-importazzjoni ta' prodotti koperti b'dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 139, 30.4.2004, p. 206.

⁽²⁾ ĠU L 320, 18.11.2006, p. 53.

⁽³⁾ ĠU L 338, 22.12.2005, p. 83.

⁽⁴⁾ ĠU L 338, 22.12.2005, p. 27.

▼B

- (18) Annimali akkwatiċi ornamentali, inklużi ħut, molluski u krustaċji, fil-parti l-kbira jiddaħħlu fil-Komunità minn pajjiżi u territorji terzi. Biex jiġi protett l-istatus tas-saħħa tal-annimali fil-faċilitajiet ornamentali fi ħdan il-Komunità, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti ċerti rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali għall-importazzjoni ta' tali annimali.
- (19) Huwa importanti li jiġi żgurat li l-istatus tas-saħħa ta' annimali tal-akkwakultura impurtati fil-Komunità ma jiġix ipperikolat matul il-ġarr lejn il-Komunità.
- (20) Ir-rilaxx fis-selvaġġ ta' annimali tal-akkwakultura impurtati fil-Komunità toħloq riskju partikolarment għoli għall-istatus ta' saħħet l-annimali fil-Komunità, peress li l-kontroll u l-qerda tal-mard f'ilmijiet naturali huma diffiċli. Għalhekk, tali rilaxx għandu jkun soġġett għal awtorizzazzjoni speċifika mill-awtorità kompetenti u għandu jiġi awtorizzat biss bil-kundizzjoni li jittieħdu miżuri xierqa biex jassiguraw l-istatus ta' saħħet l-annimali fil-post fejn jiġu rilaxxati.
- (21) Annimali tal-akkwakultura maħsuba għat-tranżitu mill-Komunità għandhom jikkonformaw mal-istess rekwiżiti bħall-annimali tal-akkwakultura maħsuba għal importazzjoni fil-Komunità.
- (22) Għandhom jiġu stabbiliti kundizzjonijiet speċifiċi għat-tranżitu mill-Komunità ta' kunsinni lejn u mir-Russja minħabba s-sitwazzjoni ġeografika ta' Kaliningrad li taffettwa biss il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja. Fl-interess tal-konsistenza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/881/KE tas-7 ta' Diċembru 2001 li tagħmel lista ta' postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntiera miftiehma għal verifiki veterinarji fuq annimali u prodotti mill-annimali minn pajjiżi terzi u li tagħorna r-regoli dettaljati dwar il-verifiki li jridu jsiru mill-esperti tal-Kummissjoni ⁽¹⁾ u d-Direttiva tal-Kunsill 97/78/KE tat-18 ta' Diċembru 1997 li tistabbilixxi l-prinċipji li jirregolaw l-organizzazzjoni tal-verifiki veterinarji fuq prodotti li jidħlu fil-Komunità minn pajjiżi terzi ⁽²⁾ għandhom jitqiesu f'dan ir-Regolament.
- (23) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/93/KE tas-17 ta' Diċembru 1996 dwar iċ-ċertifikazzjoni tal-annimali u l-prodotti tal-annimali ⁽³⁾ li tistabbilixxi r-regoli li għandhom jiġu osservati fil-ħruġ ta' ċertifikati veterinarji, għandha tapplika għaċ-ċertifikati tas-saħħa tal-annimali maħruġa taħt dan ir-Regolament.

⁽¹⁾ ĠU L 326, 11.12.2001, p. 44.

⁽²⁾ ĠU L 24, 30.1.1998, p. 9.

⁽³⁾ ĠU L 13, 16.1.1997, p. 28.

▼B

- (24) L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2006/88/KE jistipula li fejn dejta xjentifika jew l-esperjenza Prattika tissostanzja li speċi oħrajn li mhumx daww imsemmija fil-Parti II tal-Anness IV ta' dik id-Direttiva jistgħu jkunu responsabbli għat-trażmissjoni ta' marda speċifika billi jaġixxu bħala speċi li jgħaddu l-mard (vector), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li fejn dawn l-ispeċi jiddaħħlu għal skopijiet ta' trobbija jew tal-istokkjar mill-ġdid fi Stat Membru, żona jew kompartment iddikjarati ħielsa minn dik il-marda speċifika, għandu jkun hemm konformità ma' ċerti rekwiżiti previsti fid-Direttiva. L-Artikolu 17 tad-Direttiva 2006/88/KE jipprovdi wkoll għat-tfassil ta' lista ta' speċi li jgħaddu l-mard. Għalhekk għandha tiġi adottata lista ta' speċi li jgħaddu l-mard.
- (25) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) tat tliet opinjonijiet dwar dik il-kwistjoni: l-Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar is-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-possibbiltà ta' speċi li jgħaddu l-mard u stadji ta' żvilupp ta' speċi suxxettibbli li ma jittrażmettux mard fir-rigward ta' ċertu mard tal-ħut⁽¹⁾, l-Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar is-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-possibbiltà ta' speċi li jgħaddu l-mard u stadji ta' żvilupp ta' speċi suxxettibbli li ma jittrażmettux mard fir-rigward ta' ċertu mard tal-molluski⁽²⁾, u l-Opinjoni Xjentifika tal-Bord dwar is-Saħħa u l-Benesseri tal-Annimali fuq talba mill-Kummissjoni Ewropea dwar il-possibbiltà ta' speċi li jgħaddu l-mard u stadji ta' żvilupp ta' speċi suxxettibbli li ma jittrażmettux mard fir-rigward ta' ċertu mard tal-krustaċji⁽³⁾.
- (26) Skont daww l-opinjonijiet xjentifiċi, il-probabbiltà li l-mard elenkat fid-Direttiva 2006/88/KE jiġi ttrasferit u stabbilit mill-ispeċi li jgħaddu l-mard potenzjali jew gruppi ta' speċi li jgħaddu l-mard evalwati, ġiet ikklassifikata minn negliġibbli/baxxa ħafna jew moderata, taħt ċerti kundizzjonijiet. Dik l-evalwazzjoni kopriet speċi akkwatiċi li jintużaw fl-akkwakultura u jinbiegħu għal skopijiet ta' trobbija.
- (27) Fit-tfassil tal-lista ta' speċi li jgħaddu l-mard, għandhom jitqiesu l-opinjonijiet tal-EFSA. Fid-deċiżjoni dwar liema speċi għandhom jiġu inklużi f'dik il-lista, għandu jiġi żgurat livell xieraq ta' protezzjoni tal-istatus ta' saħħet l-annimali tal-annimali tal-akkwakultura fil-Komunità, waqt li fl-istess ħin tiġi evitata l-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet kummerċjali bla bżonn. Għalhekk, speċi li jippreżentaw riskju moderat ta' trażmissjoni ta' mard għandhom, skont daww l-opinjonijiet, jiġu inklużi fil-lista.
- (28) Ħafna mill-ispeċi identifikati fl-opinjonijiet tal-EFSA bħala vectors possibbli ta' ċertu mard għandhom jitqiesu biss bħala tali meta joriġinaw minn żona fejn speċi suxxettibbli għall-mard inkwiżjoni jkunu preżenti u kkunu maħsuba għal żona fejn ikunu preżenti wkoll l-istess speċi suxxettibbli. Għalhekk, għall-għani-jiet tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2006/88/KE, huma biss l-annimali tal-akkwakultura ta' speċi li possibbilment jgħaddu l-mard li għandhom jitqiesu bħala speċi li jgħaddu l-mard taħt tali kundizzjonijiet.

⁽¹⁾ EFSA Journal (2007) 584, 1-163.

⁽²⁾ EFSA Journal (2007) 597, 1-116.

⁽³⁾ EFSA Journal (2007) 598, 1-91.

▼B

- (29) Fl-interess taċ-ċarezza u l-koerenza tal-leġiżlazzjoni Komunitarja, id-Deċiżjonijiet 1999/567/KE, 2003/390/KE, 2003/804/KE, 2003/858/KE u 2006/656/KE għandhom jiġu revokati u sostitwiti b'dan ir-Regolament.
- (30) Huwa xieraq li jingħata perjodu tranżizzjonali biex jippermetti l-Istati Membri u l-industrija jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw mar-rekwiżiti l-ġodda stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (31) Meta wieħed iquis il-fluss kbir ta' kummerċ ta' annimali akkwatiċi ornamentali ta' speċi suxxettibbli għas-sindromu epiżotiku ulċerattiv (EUS) u l-ħtieġa li jitwettqu aktar studji dwar ir-riskju ta' dik il-marda għall-industrija tal-annimali akkwatiċi ornamentali, inkluża evalwazzjoni mill-ġdid tal-lista ta' speċi suxxettibbli, għandha tiġi evitata interruzzjoni immedjata tal-importazzjoni ta' speċi ta' ħut ornamentali suxxettibbli għall-EUS maħsub biss għal faċilitajiet ornamentali magħluqa. Huwa għalhekk xieraq li jiddaħħal perjodu tranżizzjonali fir-rigward tar-rekwiżiti relatati ma' dik il-marda għal dawk il-kunsinni. Perjodu tranżitorju huwa meħtieġ ukoll biex pajjiżi terzi jingħataw żmien biżżejjed biex jiddokumentaw li jkunu ħielsa minn dik il-marda.
- (32) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

SUĠĠETT, AMBITU U DEFINIZJONIJIET

Artikolu 1

Suġġett u ambitu

Dan ir-Regolament jistabbilixxi

- (a) lista ta' speċi li jgħaddu l-mard;

▼M2

- (b) rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni ta' saħħet l-annimali għat-tqegħid fis-suq ta':

- (i) annimali akkwatiċi ornamentali maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa. u

▼M4

- (ii) annimali tal-akkwakultura maħsuba għat-trobbija, żoni ta' żamma, meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, faċilitajiet ornamentali miftuħa, jew stokkjar mill-ġdid u għal ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' tisfija u negozji simili qabel il-konsum mill-bniedem fl-Istati Membri jew partijiet minnhom bil-miżuri nazzjonali approvati bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/221/UE ⁽¹⁾;

⁽¹⁾ ĠU L 98, 20.4.2010, p. 7.

▼B

- (c) rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni ta' saħħet l-annimali għat-tqegħid fis-suq ta':
 - (i) annimali tal-akkwakultura maħsuba għat-trobbija, inkluż għal żoni ta' żamma, għal meded tal-ilma għas-sajd ripopolati arti-fiċjalment u għal faċilitajiet ornamentali miftuħa, u stokkjar mill-ġdid, u
 - (ii) annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom maħsuba għall-konsum mill-bniedem;
- (d) kundizzjonijiet ta' saħħa tal-annimali u rekwiżiti għaċ-ċertifikazzjoni għall-importazzjoni fil-Komunità, u t-tranżitu minnha, inkluż il-ħżin matul it-tranżitu, ta':
 - (i) annimali tal-akkwakultura maħsuba għat-trobbija, inklużi żoni ta' żamma, meded tal-ilma fejn isir is-sajd b'ripopolazzjoni artifiċjali u faċilitajiet ornamentali miftuħa;
 - (ii) annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom maħsuba għall-konsum mill-bniedem;
 - (iii) annimali akkwatiċi ornamentali maħsuba għal faċilitajiet ornamentali magħluqa.

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- (a) “faċilitajiet ornamentali magħluqa” tfisser ħwienet tal-annimali domestiċi, ċentri tal-ġardinaġġ, vaski tal-ġonna, akkwarij kummerċjali jew grossisti li jżommu annimali akkwatiċi ornamentali:
 - (i) mingħajr l-ebda kuntatt dirett mal-ilmijiet naturali fil-Komunità; jew
 - (ii) li huma mġhammra b'sistemi ta' trattament tad-dranaġġ li jnaqqas ir-riskju ta' trażmissjoni ta' mard għall-ilmijiet naturali għal livell aċċettabbli;
- (b) “faċilità ornamentali miftuħa” tfisser faċilitajiet ornamentali għajr faċilitajiet ornamentali magħluqa;
- (c) “stokkjar mill-ġdid” tfisser rilaxx ta' annimali tal-akkwakultura fl-ambjent naturali.

KAPITOLU II

SPEĊI LI JGĦADDU L-MARD*Artikolu 3***Lista ta' speċi li jgħaddu l-mard**

L-annimali tal-akkwakultura tal-ispeċi elenkati fil-Kolonna 2 tat-tabella fl-Anness I ta' dan ir-Regolament għandhom jitqiesu biss bħala li jgħaddu l-mard (vectors) għall-finijiet tal-Artikolu 17 tad-Direttiva 2006/88/KE fejn daww l-annimali jossodisfaw il-kundizzjonijiet stabbliti fil-Kolonna 3 u 4 ta' dik it-tabella.



KAPITOLU III

TQEGĦID FIS-SUQ TA' ANNIMALI TAL-AKKWAKULTURA

*Artikolu 4***Annimali akkwatiċi ornamenti li joriġinaw minn faċilitajiet ornamenti jew huma maħsuba għalihom**

1. Iċ-ċaqliq ta' annimali akkwatiċi ornamenti għandu jkun soġġett għal notifika bis-sistema komputerrizzata prevista fl-Artikolu 20(1) tad-Direttiva 90/425/KE (Traces) fejn l-annimali:

- (a) joriġinaw minn faċilitajiet ornamenti fi Stat Membru wieħed;
- (b) ikunu maħsuba għal faċilitajiet ornamenti magħluqa fi Stat Membru ieħor, fejn it-territorju kollu, jew żoni jew kompartimenti tiegħu:
 - (i) ikunu ddikjarati ħielsa minn waħda jew aktar mill-mard mhux eżotiku elenkat fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE skont l-Artikoli 49 jew 50 tagħha; jew
 - (ii) ikunu soġġetti għal programm ta' sorveljanza jew qerda skont l-Artikolu 44(1) jew (2) ta' dik id-Direttiva; u
- (c) ikunu speċi suxxettibbli għal waħda jew aktar mill-mard li għalihom l-Istat Membru jew iż-żona jew il-kompartiment ikkonċernati jkunu ddikjarati ħielsa mill-mard, jew li għalihom japplika programm ta' sorveljanza jew qerda, kif imsemmi fil-punt (b).

2. Annimali akkwatiċi ornamenti miżmuma f'faċilitajiet ornamenti magħluqa m'għandhomx jiġu rilaxxati f'faċilitajiet ornamenti miftuħa, farms, żoni ta' żamma, meded tal-ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, żoni ta' trobbija tal-molluski jew fis-selvaġġ, mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti.

L-awtorità kompetenti għandha tagħti din l-awtorizzazzjoni fil-każ biss li r-rilaxx ma jipperikolax l-istatus tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi fil-post tar-rilaxx u għandha tiżgura li jittieħdu l-miżuri xierqa biex jitnaqqas ir-riskju.

*Artikolu 5***Annimali tal-akkwakultura maħsuba għat-trobbija, għal żoni ta' żamma, għal meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, faċilitajiet ornamenti miftuħa u stokkjar mill-ġdid**

Kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura maħsuba għat-trobbija, żoni ta' żamma, meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, faċilitajiet ornamenti miftuħa, jew stokkjar mill-ġdid għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mimli skont il-mudell stabbilit fil-Parti A tal-Anness II u n-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness V, fejn l-annimali:

- (a) jiddaħħlu fi Stati Membri, żoni u kompartimenti:
 - (i) iddikjarati ħielsa minn waħda jew aktar mill-mard mhux eżotiku elenkat fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE skont l-Artikoli 49 jew 50 tagħha; jew
 - (ii) soġġetti għal programm ta' sorveljanza jew qerda skont l-Artikolu 44(1) jew (2) ta' dik id-Direttiva;

▼B

- (b) ikunu ta' speċi suxxettibbli għal waħda jew aktar mill-mard, jew speċi li jgħaddu waħda jew aktar mill-mard, li għalihom l-Istat Membru, żona jew kompartiment ikkonċernati jkunu ddikjarati ħielsa mill-mard, jew li għalihom japplika programm ta' sorveljanza jew qerda kif imsemmi fil-punt (a).

*Artikolu 6***Annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom maħsuba għal aktar ipproċessar qabel il-konsum mill-bniedem**

1. Kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom maħsuba għal aktar ipproċessar qabel il-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mimli skont il-mudell stabbilit f'Parti B tal-Anness II u n-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness V, fejn dawn il-kunsinni:

(a) jiddaħħlu fi Stati Membri, żoni jew kompartimenti:

- (i) iddikjarati ħielsa minn waħda jew aktar mill-mard mhux eżotiku fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE skont l-Artikoli 49 jew 50 ta' dik id-Direttiva; jew
- (ii) soġġetti għal programm ta' sorveljanza jew qerda skont l-Artikolu 44(1) jew (2) ta' dik id-Direttiva;

(b) ikunu ta' speċi suxxettibbli għal waħda jew aktar mill-mard li għalihom l-Istat Membru, żona jew kompartiment ikkonċernati jkunu ddikjarati ħielsa mill-mard, jew li għalihom japplika programm ta' sorveljanza jew qerda, kif imsemmi fil-punt (a).

2. Il-paragrafu 1 ma japplikax għal:

- (a) ħut li jkun tbiċċer u tnaddaf mill-ġewwieni qabel ma ntbagħat;
- (b) molluski u krustaċji maħsuba għall-konsum mill-bniedem u ppakkjati u ttikkettati għal dak il-għan skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004, u li:
 - (i) ma jkunux vijabbli, jiġifieri mhux aktar f'kundizzjoni li jsalvaw bħala annimali ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent li ttieħdu minnu; jew
 - (ii) ikunu maħsuba għal aktar ipproċessar mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar;
- (c) annimali tal-akkwakultura jew prodotti tagħhom imqiegħda fis-suq għall-konsum mill-bniedem mingħajr aktar ipproċessar, sakemm ikunu ppakkjati f'pakketti għal bejgħ bl-imnut li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet għal tali pakketti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

*Artikolu 7***Molluski u krustaċji ħajjin maħsuba għal ċentri ta' tisfija, ċentri ta' spedizzjoni u negozji simili qabel il-konsum mill-bniedem**

Kunsinni ta' molluski u krustaċji ħajjin maħsuba għal ċentri ta' tisfija, ċentri ta' spedizzjoni u negozji simili qabel il-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mimli skont il-mudell stabbilit fil-Parti B tal-Anness II u n-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness V, fejn huma:

▼B

- (a) jiddaħħlu fi Stati Membri, żoni u kompartimenti:
 - (i) iddikjarati ħielsa minn waħda jew aktar mill-mard mhux eżotiku elenkat fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE skont l-Artikoli 49 jew 50; jew
 - (ii) soġġetti għal programm ta' sorveljanza jew qerda skont l-Artikolu 44(1) jew (2) ta' dik id-Direttiva;
- (b) ikunu ta' speċi suxxettibbli għal waħda jew aktar mill-mard li għalihom l-Istat Membru, żona jew kompartiment ikkonċernati jkunu ddikjarati ħielsa mill-mard, jew li għalihom japplika programm ta' sorveljanza jew qerda, kif imsemmi fil-punt (a).

Artikolu 8

Annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom li jitilqu minn Stati Membri, żoni u kompartimenti soġġetti għal miżuri ta' kontroll tal-mard, inklużi programmi ta' qerda

1. Kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom li jitilqu minn Stati Membri, żoni jew kompartimenti soġġetti għall-miżuri ta' kontroll tal-mard previsti fit-Taqsimiet 3 sa 6 tal-Kapitolu V tad-Direttiva 2006/88/KE, iżda li jkunu ngħataw eżenzjoni mill-awtorità kompetenti minn daww il-miżuri ta' kontroll tal-mard, għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mimli skont il-mudell stabbilit fi:

- (a) il-Parti A tal-Anness II u fin-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness V fejn il-kunsinni jikkonsistu f'annimali tal-akkwakultura maħsuba għat-trobbija, żoni ta' żamma, meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, faċilitajiet ornamenti miftuħa jew stokkjar mill-ġdid; u
- (b) il-Parti B tal-Anness II u fin-noti ta' spjegazzjoni tal-Anness V fejn il-kunsinni jikkonsistu f'annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom maħsuba għal aktar ipproċessar, ċentri ta' tisfija, ċentri ta' spedizzjoni jew negozji simili qabel il-konsum mill-bniedem.

2. Kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura maħsuba għat-trobbija, żoni ta' żamma, meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, faċilitajiet ornamenti miftuħa jew stokkjar mill-ġdid għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mimli skont il-mudell stabbilit fil-Parti A tal-Anness II u fin-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness V, fejn dawn:

- (a) ikunu qed jitilqu minn Stat Membru, żona jew kompartiment bi programm ta' qerda approvat skont l-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2006/88/KE;
- (b) ikunu ta' speċi suxxettibbli għal waħda jew aktar mill-mard, jew speċi li jgħaddu waħda jew aktar mill-mard, li għalih japplika l-programm ta' qerda, kif imsemmi fil-punt (a).

▼B

3. Kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom maħsuba għal aktar ipproċessar, ċentri ta' tisfija, ċentri ta' spedizzjoni jew negozji simili qabel il-konsum mill-bniedem għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali skont il-mudell stabbilit fil-Parti B tal-Anness II u n-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness V, fejn dawn:

- (a) ikunu qed jitleq minn Stat Membru, żona jew kompartiment bi programm ta' qerda approvat skont l-Artikolu 44(2) tad-Direttiva 2006/88/KE;
- (b) ikunu ta' speċi suxxettibbli għal waħda jew aktar mill-mard li għalih japplika l-programm ta' qerda, kif imsemmi fil-punt (a).

4. Dan l-Artikolu ma japplikax għal:

- (a) ħut li jkun tbiċċer jew tnaddaf mill-ġewwieni qabel ma ntbagħat;
- (b) molluski u krustaċji maħsuba għall-konsum mill-bniedem u ppakkjati u ttikkettati għal dak il-għan skont ir-Regolament (KE) Nru 853/2004, u li:
 - (i) ma jkunux vijabbli, jiġifieri mhux aktar f'kundizzjoni li jsalvaw bħala annimali ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent li ittieħdu minnu; jew
 - (ii) ikunu maħsuba għal aktar ipproċessar mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar;
- (c) annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom imqiegħda fis-suq għall-konsum mill-bniedem mingħajr aktar ipproċessar, sakemm ikunu ppakkjati f'pakketti għal bejgħ bl-imnut li jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet dwar dawn il-pakketti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

▼M2*Artikolu 8a*

Annimali tal-akkwakultura maħsuba għat-trobbija, żoni ta' żamma, meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, faċilitajiet ornamentali miftuħa, jew stokkjar mill-ġdid fi Stati Membri jew partijiet minnhom bil-miżuri nazzjonali approvati bid-Deċiżjoni 2010/221/UE;

1. Kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura maħsuba għat-trobbija, żoni ta' żamma, meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment, faċilitajiet ornamentali miftuħa, jew stokkjar mill-ġdid għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mimli skont il-mudell stabbilit fil-Parti A tal-Anness II u n-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness V, fejn l-annimali:

- (a) jiġu introdotti fl-Istati Membri jew partijiet minnhom mniżżla fit-tieni u r-raba' kolonna fit-tabella stipulata fi:
 - (i) L-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/221/UE bħala ħielsa minn waħda jew iktar mill-mard mniżżel fl-ewwel kolonna ta' dik it-tabella; jew
 - (ii) l-Anness II għad-Deċiżjoni 2010/221/UE bħala suġġetti għal programm ta' eradikazzjoni għal waħda jew iktar mill-mard mniżżel fl-ewwel kolonna ta' dik it-tabella;

▼ **M4**

- (iii) l-Anness III tad-Deċiżjoni 2010/221/UE bħala suġġetti għal programm ta' sorveljanza għal waħda jew iktar mill-mard elenkat fl-ewwel kolonna ta' din it-tabella;

▼ **M2**

- (b) ġejjin mill-ispeċi li huma mniżżla fil-Parti C tal-Anness II bħala speċi suxxettibbli għal mard, li għalihom l-Istat Membru kkonċernat jew parti minnu jitqies bħala ħieles mill-mard, jew li għalihom japplika programm ta' eradikazzjoni skont id-Deċiżjoni 2010/221/UE, kif imsemmi fil-punt (a).

2. Il-kunsinni tal-annimali msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fiċ-ċertifikat mudell tas-saħħa tal-annimali u n-noti ta' spjegazzjoni kif imsemmi fil-paragrafu 1.

3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għal kunsinni ta' ħut ta' kwalunkwe speċi li ġejjin minn ilmijiet fejn l-ispeċi mniżżla fil-Parti C tal-Anness II bħala speċi suxxettibbli għal infezzjoni bil-*Gyrodactylus salaris*, huma preżenti, fejn daww il-kunsinni huma maħsuba għal Stat Membru jew parti minnu mniżżel fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2010/221/UE bħala ħieles mill-*Gyrodactylus salaris* (GS).

▼ **M4***L-Artikolu 8b*

Molluski ħajjin maħsubin biex jintbagħtu f'ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' tisfija jew negozji simili qabel il-konsum mill-bniedem fl-Istati Membri u partijiet minnhom li għandhom miżuri nazzjonali approvati bid-Deċiżjoni 2010/221/UE.

1. Kunsinni ta' molluski ħajjin maħsuba għal ċentri ta' spedizzjoni, ċentri ta' tisfija, u negozji simili qabel il-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mimli skont il-mudell stabbilit fil-Parti B tal-Anness II u n-noti ta' spjegazzjoni stabbiliti fl-Anness V, fejn dawn l-annimali:

- (a) jiddaħħlu fi Stati Membri jew f'partijiet minnhom elenkati fit-tieni u r-raba' kolonna tat-tabella stabbilita fl-Anness III tad-Deċiżjoni 2010/221/UE soġġetti għal programm ta' sorveljanza għal marda jew għal iżjed minn marda waħda fost daww li hemm elenkati fl-ewwel kolonna tat-tabella;

- (b) ġejjin mill-ispeċijiet li huma elenkati fil-Parti C tal-Anness II bħala speċijiet suxxettibbli għal mard(a), li għalih(a) japplika programm ta' sorveljanza skont id-Deċiżjoni 2010/221/UE, kif imsemmi fil-punt (a).

2. Il-kunsinni tal-molluski ħajjin imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali stabbiliti fiċ-ċertifikat mudell tas-saħħa tal-annimali u n-noti ta' spjegazzjoni kif imsemmi f'dak il-paragrafu.

3. Dan l-Artikolu ma għandux japplika għall-kunsinni ddestinati għaċ-ċentri ta' spedizzjoni, għaċ-ċentri ta' tisfija jew negozji simili li għandhom sistema ta' trattament tal-effluwent invalidata mill-awtorità kompetenti li:

- (a) tiddiżattiva l-virusijiet fl-involukru; jew

- (b) tnaqqas ir-riskju li jiġi trażmess il-mard fl-ilma naturali għal livell aċċettabbli.

▼B*Artikolu 9***Dħul ta' annimali tal-akkwakultura wara l-ispezzjoni**

Fejn dan il-Kapitolu jistipula li tinħtieġ spezzjoni qabel il-ħruġ ta' ċertifikat tas-saħħa ta' annimali, annimali tal-akkwakultura haġġin ta' speċi suxxettibbli għal waħda jew aktar mill-mard, jew speċi li jgħaddu waħda jew aktar mill-mard, imsemmi f'dak iċ-ċertifikat, m'għandhomx jiddaħħlu fil-farm jew żona ta' tkabbir tal-molluski matul il-perjodu bejn dawn l-ispezzjonijiet u t-tagħbija tal-kunsinna.

KAPITOLU IV

KUNDIZZJONIJIET GĦALL-IMPORTAZZJONI*Artikolu 10***Annimali tal-akkwakultura maħsuba għat-trobbija, żoni ta' żamma, meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment u faċilitajiet ornamentalni miftuħa**

1. Annimali tal-akkwakultura maħsuba għat-trobbija, żoni ta' żamma, meded ta' ilma għas-sajd ripopolati artifiċjalment u faċilitajiet ornamentalni miftuħa għandhom jiġu impurtati fil-Komunità biss jekk ġeġġin minn pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti elenkati fl-Anness III.
2. Kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura msemija fil-paragrafu 1 għandhom:
 - (a) ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mimli skont il-mudell stabbilit fil-Parti A tal-Anness IV u n-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness V;
 - (b) jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' saħħet l-annimali stabbiliti fil-mudell taċ-ċertifikat u n-noti ta' spjegazzjoni, kif imsemija fil-punt (a).

*Artikolu 11***Annimali akkwatiċi ornamentalni maħsuba għal faċilitajiet ornamentalni magħluqa**

1. Ħut ornamentalni ta' speċi suxxettibbli għal waħda jew aktar mill-mard elenkat fil-Parti II tal-Anness IV tad-Direttiva 2006/88/KE u maħsub għal faċilitajiet ornamentalni magħluqa għandu jiġi impurtat fil-Komunità biss jekk ġeġ minn pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti elenkati fl-Anness III ta' dan ir-Regolament.

▼M1

2. Ħut ornamentalni li mhuwiex ta' speċi suxxettibbli għal xi marda elenkata fil-Parti II tal-Anness IV għad-Direttiva 2006/88/KE, u molluski ornamentalni u krustaċji ornamentalni, maħsuba għal faċilitajiet ornamentalni magħluqa, għandhom jiġu impurtati fil-Komunità biss jekk ġeġġin minn pajjiżi terzi jew territorji li:
 - (a) huma membri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE); jew
 - (b) jinsabu elenkati fl-Anness III u għandhom ftehim formali mal-OIE biex jippreżentaw informazzjoni regolament dwar l-istat ta' saħħa tal-annimali tagħhom lill-membri ta' dik l-organizzazzjoni.

▼B

3. Kunsinni ta' annimali msemija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom:
 - (a) ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali skont il-mudell stabbilit fil-Parti B tal-Anness IV u fin-noti ta' spjegazzjoni tal-Anness V; u
 - (b) jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' saħħet l-annimali stabbiliti fil-mudell ta' ċertifikat u n-noti ta' spjegazzjoni kif imsemmija fil-punt (a).

*Artikolu 12***Annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom maħsuba għall-konsum mill-bniedem**

1. Annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu impurtati fil-Komunità biss jekk għejjin minn pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kompartimenti inklużi fil-lista mħejjija skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (KE) Nru 854/2004.
2. Kunsinni ta' annimali u prodotti msemija fil-paragrafu 1 għandhom:
 - (a) ikunu akkumpanjati b'ċertifikat konġunt tas-saħħa pubblika u tal-annimali mimli skont il-mudelli rilevanti stabbiliti fl-Appendiċijiet IV u V tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 2074/2005; u
 - (b) jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' saħħet l-annimali u n-noti stabbiliti fil-mudell ta' ċertifikati u attestazzjonijiet, kif imsemmi fil-punt (a).
3. Dan l-Artikolu ma japplikax fejn l-annimali tal-akkwakultura jkunu maħsuba għal żoni ta' żamma jew treġġigħ lura f'ilmijiet tal-Komunità, f'liema każ għandu japplika l-Artikolu 10.

*Artikolu 13***Ċertifikazzjoni elettronika**

Ċertifikazzjoni elettronika u sistemi oħra maqbula armonizzati f'livell Komunitarju jistgħu jintużaw għaċ-ċertifikati u l-attestazzjonijiet previsti f'dan il-Kapitolu.

*Artikolu 14***Ġarr ta' annimali tal-akkwakultura**

1. Annimali tal-akkwakultura għall-importazzjoni fil-Komunità m'għandhomx jiġgħru f'kundizzjonijiet li jistgħu jibdlu l-istatus tas-saħħa tagħhom. B'mod partikolari m'għandhomx jiġgħru fl-istess ilma jew mikro-reċipjent bħal annimali akkwatiċi ta' status ta' saħħa inferjuri jew li ma jkunux maħsuba għall-importazzjoni fil-Komunità.
2. Matul il-ġarr lejn il-Komunità, l-annimali tal-akkwakultura m'għandhomx jinħattu mill-mikro-reċipjent tagħhom u l-ilma li jkunu qed jiġgħru fih m'għandux jinbidel fit-territorju ta' pajjiż terz li mhux approvat għall-importazzjoni ta' dawn l-annimali fil-Komunità jew li għandu status ta' saħħa inferjuri mill-post tad-destinazzjoni.

▼B

3. Fejn kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura jinġarru fuq il-baħar lejn il-fruntiera Komunitarja, addenda għall-ġarr fuq il-baħar ta' annimali tal-akkwakultura ħajjin, mimlija skont il-mudell stabbilit fil-Parti D tal-Anness IV, għandha tiġi meħmuża maċ-ċertifikat rilevanti tas-saħħa tal-annimali.

*Artikolu 15***Rekwiżiti għar-rilaxx ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom u għall-ilma tal-ġarr**

1. Annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom impurtati fil-Komunità u maħsuba għall-konsum mill-bniedem għandhom jiġu mmaniġġati b'mod approprijat biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-ilmijiet naturali fil-Komunità.

2. Annimali tal-akkwakultura impurtati fil-Komunità m'għandhomx jiġu rilaxxati fl-ambjent naturali fil-Komunità, jekk mhux bl-awtorizzazzjoni tal-awtorità kompetenti tal-post tad-destinazzjoni.

L-awtorità kompetenti għandha tagħti l-awtorizzazzjoni fil-każ biss li r-rilaxx ma jipperikolax l-istatus tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi fil-post tar-rilaxx u għandha tiżgura li jittieħdu l-miżuri xierqa għat-tnaqqis tar-riskju.

3. Ilma tal-ġarr minn kunsinni impurtati ta' annimali tal-akkwakultura u prodotti tagħhom għandu jiġi mmaniġġat b'mod xieraq biex tiġi evitata l-kontaminazzjoni tal-ilmijiet naturali fil-Komunità.

KAPITOLU V

KUNDIZZJONIJIET GĦAT-TRANŻITU*Artikolu 16***Tranżitu u ħżin**

Kunsinni ta' annimali tal-akkwakultura ħajjin, bajd tal-ħut u ħut bil-ġewwieni b'kollox li jiddaħħlu fil-Komunità, iżda jkunu maħsuba għal pajjiż terz, kemm bi tranżitu immedjat mill-Komunità, jew wara l-ħżin fil-Komunità, għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti stabbiliti fil-Kapitolu IV. Iċ-ċertifikat, li jakkumpanja l-kunsinni, għandu jkollu l-kliem "għat-tranżitu mill-KE". Il-kunsinni għandhom ikunu akkumpanjati wkoll biċ-ċertifikat meħtieġ mill-pajjiż terz tad-destinazzjoni.

Madankollu, fejn daww il-kunsinni jkunu maħsuba għall-konsum mill-bniedem, għandhom ikunu akkumpanjati b'ċertifikat tas-saħħa tal-annimali mimli skont il-mudell stabbilit fil-Parti C tal-Anness IV u fin-noti ta' spjegazzjoni fl-Anness V.

*Artikolu 17***Deroġa għal tranżitu mil-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja**

1. B'deroġa mill-Artikolu 16, għandu jiġi awtorizzat it-tranżitu fuq it-triq jew bil-ferrovija bejn il-postijiet ta' spezzjoni fuq il-fruntieri fil-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja elenkati fl-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/881/KE, ta' kunsinni ġejjin mir-Russja jew fi triqthom lejha, direttament jew minn pajjiż terz ieħor, fejn ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

▼B

- (a) il-kunsinna tkun issiġillata b'siġill innumerat f'serje mill-veterinarju uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera tad-dħul;
- (b) id-dokumenti li jakkumpanjaw il-kunsinna, kif previsti fl-Artikolu 7 tad-Direttiva 97/78/KE, ikunu ttimbrati bil-kliem "Għat-tranżitu biss mill-KE lejn ir-Russja" fuq kull paġna mill-ispettur uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fuq il-konfini tad-dħul;
- (c) ikunu hemm konformità mar-rekwiżiti proċedurali previsti mill-Artikolu 11 tad-Direttiva 97/78/KE; u
- (d) il-kunsinna tkun iċċertifikata bħala aċċettabbli għat-tranżitu fuq id-dokument veterinarju komuni tad-dħul, maħruġ mill-ispettur uffiċjali fil-post ta' spezzjoni fuq il-konfini tad-dħul.

2. Il-kunsinni msemija fil-paragrafu 1 ma jistgħux jinħattu jew jinħażnu, kif imsemmi fl-Artikolu 12(4) jew fl-Artikolu 13 tad-Direttiva 97/78/KE, fil-Komunità.

3. Għandhom jitwettqu verifiki regolari mill-awtorità kompetenti biex jiżguraw li l-ġhadd ta' kunsinni, kif imsemmi fil-paragrafu 1, u l-kwantitajiet ta' prodotti korrispondenti li jtilqu mill-Komunità jaqblu man-numru u l-kwantitajiet li jidħlu fil-Komunità.

KAPITOLU VI

DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI, TRANŻIZZJONALI U FINALI

▼M2**▼B***Artikolu 19***Revoki**

Id-Deċiżjonijiet 1999/567/KE, 2003/390/KE, 2003/804/KE, 2003/858/KE u 2006/656/KE huma revokati b'effett mill-1 ta' Jannar 2009.

Referenzi għad-Deċiżjonijiet revokati għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

▼M3*Artikolu 20*

Għal perjodu tranżizzjoni sal-31 ta' Diċembru 2012, l-Istati Membri jistgħu jawtorizzaw l-importazzjoni ta' annimali akkwatiċi ornamentali ta' speċi suxxettibbli għas-sindromu epiżotiku ulċerattiv (EUS) maħsuba esklużivament għal faċilitajiet ornamentali magħluqa minn pajjiżi terzi jew territorji li huma Membri tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE);

▼M3

Waqt dak il-perjodu tranżizzjonali, ir-rekwiżiti li jirrigwardaw l-EUS stabbiliti fil-Parti II.2 taċ-ċertifikat li jservi ta' mudell tas-saħħa tal-annimali stabbilit fil-Parti B tal-Anness IV, ma għandhomx japplikaw għal annimali akkwatiċi ornamentali maħsubin esklużivament għal faċilitajiet ornamentali magħluqa.

▼B*Artikolu 21***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2009.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u huwa direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

▼ B

ANNEX I

Lista ta' speċi bil-probabbiltà li jgħaddu l-mard u l-kundizzjonijiet li taħtom dawk l-ispeċi għandhom jitqiesu bħala vectors

Mard	Vectors		
